MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1131/1996/2

**Rose Calleja**

**vs**

**Julian Calleja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fit-18 ta' Lulju 1987 (Dok "A");

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti thassar irrevokabilment minhabba mohqrija, sevizzi gravi, swat, ingurji, abbandun u theddid *da parti* tal-konvenut;

Illi miz-zwieg twieldet tifla, *ossia* Thea li ghadha minuri (Dok "B");

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata skond Digriet tas-Sekond Awla, kopja ta' liema tinsab esebita bhala Dok "C", biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali:

Illi ghalhekk l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid, ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

(2) Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija lill-attrici;

(3) Tikkundanna l-konvenut ihallas manteniment adegwat ghaliha u ghat-tifla minuri taghha;

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f'zewg porzjonijiet *applikando* kontra l-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi u tassenja wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut, bin-nomina *okkorrendo* ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma, u *okkorrendo* ta' nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

(5) Tikkundannah sabiex jikkonsenja lill-atttrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss l-oggetti kollha parafernali nkluzi flus, u fin-nuqqas jigi kkundannat ihallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat *okkorrendo* permezz ta' perit nominandi;

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda prezentati mill-attrici.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-Digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 26 ta’ Marzu 1996 fejn l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni, l-kura u l-kustodja tal minuri inghatat lilha bi dritt ta’ access ghall konvenut kif miftiehm bejn il-partijiet u l-istess attrici inghatat manteniment pendente lite ta’ Lm60 ghaliha u Lm100 ghall-minuri. (fol. 9).

Rat ir-rikors ta’ Rose Calleja datat 6 ta’ Awwissu 1996, fejn l-attrici talbet lill-Qorti biex a tenur tal-**artikolu 381 (3) tal-Kap 12** tordna li l-manteniment dovut lilha *in forza* tad-digriet 349/96 (Digriet tas-Sekond’ Awla) jitnaqqas mill-paga tal-intimat u jithallas lilha direttament mis-socjeta’ impjegatrici tal-intimat fir-residenza fuq imsemmija u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet datat 3 ta’ Settembru 1996 fejn il-Qorti cahdet it-talba stante li l-**artikolu 381 (3) tal-Kap** jirreferi ghall kaz wara s-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-9 ta’ Settembru 1996 fejn talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevedi d-digriet ts-26 ta’ Marzu 1996 (Digriet tas-Sekond’ Awla) billi mill-gdid tillikwida l-manteniment pagabbli mill-esponent lill-intimata martu ghall-imsemmija tifla minuri u, *okkorrendo*, ghaliha f’somma inferjuri tenut kont tac-cirkonstanzi tal-kaz, fosthom li huwa sostna li kellu biss introjtu ta’ Lm360 netti mensilment, jghix barra mid-dar konjugali u l-attrici ghandha introjru *‘full time’* u dana b’effett mis-26 ta’ Marzu 1996.

Rat ir-risposta tal-intimata tal-25 ta’ Ottubru 1996 (fol. 16) fejn *inter alia* kkontestat l-allegazzjonijiet tal-konvenut u sostniet li huwa jghix ma’ mara ohra li ghandha zewgt itfal, u li l-istess konvenut huwa moruz fil-hlas ta’ pagamenti tal-manteniment *pendente lite.*

Rat id-Digriet tal-5 ta’ Novembru 1996.

Rat in-nota tal-konvenut datata 14 ta’ Novembru 1996.

Rat in-nota tal-attrici datata 12 ta’ Novembru 1996 fejn hija sostniet li ghandha introjtu ta’ Lm160 fix-xahar.

Rat id-digriet tas-19 ta’ Novembru 1996 fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghat-22 ta’ Novembru 1996;

Rat id-digriet tat-22 ta’ Novembru 1996 fejn il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut li tvarja d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tas-26 ta’ Marzu, 1996 u dan biss ghal dak li jirrigward l-manteniment ta’ Lm60 fix-xahar li dik il-Qorti kienet ordnat lir-rikorrent odjern ihallas lill-intimata bhala manteniment ghaliha, u minflok ordnat lill-konvenut rikorrent ihallas lil martu bhala manteniment ghaliha s-somma ta’ hmistax-il lira (Lm15) fix-xahar. Il-bqija tad-digriet baqa’ invarjat fl-ammont ta’ Lm100 fix-xahar ghall-minuri. (fol. 23/24). Dan kien ibbazat ukoll fuq dak li l-Qorti f’dak il-mument ikkonstat li kien dhul tal-konvenut ta’ Lm370 fix-xahar.

Rat il-verbal tat-22 ta’ Novembru 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fejn eccepixxa reverentement:-

(1) Illi l-ewwel talba attrici ghall-pronunzjament tas-separazzjoni personali m’hiex opposta u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti hija minn issa mistiedna tghaddi ghas-sentenza *imparte* u takkolji t-talba attrici ghall-pronunzjament ta' separazzjoni kif mitluba;

(2) Illi t-tieni talba ma hiex opposa *purche’* l-eccipjenti jinghata access xierqa lil binthu u ma jkomplix jigi assoggettat f’dan ir-rigward mill-burdati u l-esigenzi tal-attrici martu;

(3) Illi t-tielet talba hija opposta billi l-attrici hija kapaci tipprovdi ghall-manteniment taghha (tant illi prezentement hija qieghda tahdem) u ghaliex l-istess attrici iddekadiet mid-dritt taghha illi tipprercepixxi l-manteniment minghand l-eccipjent zewgha;

(4) Illi r-raba’, ma hiex opposta u ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti hija minn issa mistiedna tghaddi ghas-sentenza *in parte* u takkolji din it-talba attrici, salv illi ma hemm ebda htiega ghan-nomina ta’ nutar u publikazzjoni ta’ att ta’ divizjoni billi ma hemmx gid immobiljarju kompriz fil-kommunji tal-akkwisti u *di piu’* anke kieku kien hemm gid immobiljaru, s-sentenza ta’ separazzjoni tista’ tigi llum insinwata;

(5) Illi dwar il-hames talba huwa eccepit illi l-eccipjent ma ghandux ghalfejn jigi ordnat jirritorna l-hwejjeg parafernali tal-attrici billi dawn jinsabu fil-pussess tal-istess attrici;

(6) Salv’ eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 32.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-konvenut a fol. 33.

Rat ir-rikors ulterjuri tal-konvenut datat 18 ta’ Frar 1997, fejn talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrevedi l-manteniment pagabbli korrentement mill-esponent u tirreduci l-istess ghall-amont inferjuri tenut kont tac-cirkostanzi u dan b’effett mil-22 ta’ Novembru 1996 jew data’ ohra li tigi stabilita minn dina l-Onorabbli Qorti appozitament; dan sostniet ghaliex allega li huwa spicca mix-xoghol minn mas-socjeta' Malta Mariculture Limited u mis-6 ta’ Jannar 1997 beda jahdem mas-socjeta’ Malta International Foods Limited u l-paga saret ta’ Lm43.88 fil-gimgha (Lm175.62 kull erba’ (4) gimghat (fol.35).

Rat ir-risposta tal-attrici datata 17 ta’ Marzu 1997 fejn opponiet ghat-talbiet tal-konvenut.

Rat id-digriet tal-18 ta’ Marzu 1997 fejn ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh.

Rat il-verbali tal-21 ta’ Marzu 1997 u tat-2 ta’ April 1997 minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ix-xhieda tal-konvenut tat-2 ta’ April 1997 a fol. 41 u 42.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ April 1997.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 3 ta’ April 1997, fejn hi talbet umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tikkjama r-rikors ghal data vicina sabiex qabel ma l-Qorti taghti digriet dwaru tisma x-xhieda ta’ l-esponenti u kull prova ohra relevanti u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat il-verbali tal-14 ta’ Arpil 1997 u tat-28 ta’ April 1997 fejn f’din l-ahhar seduta d-difensuri tal-partijiet qabblu li l-istess rikors kien jista’ jibqa’ ghall digriet fuq l-istess talba tal-konvenut.

Rat ix-xhieda tal-attrici datata 28 ta’ April 1997 a fol. 51 sa 54 tal-process.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Mejju 1997.

Rat id-Digriet datat 27 ta’ Mejju 1997 fejn il-Qorti ddecidiet li l-ammont tal-alimenti ghandu jkun biss marginalment ridott ghal Lm100 fix-xahar ghall l-istess attrici u ghall minuri u dana b’ effett mid-data tad-Digriet u dan fuq il-bazi li l-attrici qed tahdem u wkoll li l-konvenut kellu l-paga tieghu ta’ Lm43.88 fil-gimgha.

Rat il-verbal tas-27 ta’ Mejju 1997 fejn gie nominat l-Assistant Gudizzjarju Dr. Joseph Bonello sabiex jigbor il-provi u l-kawza thalliet minn din il-Qorti diversament presjeduta ghall-14 ta’ Ottubru 1997.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Ottubru 1997 u 19 ta’ Jannar 1998.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 12 ta’ Awissu 1997 fejn l-istess konvenut talab li d-Digriet tas-27 ta’ Mejju 1997 dwar manteniment jigi varjat peress li huwa allega li baqax jahdem mas-socjeta’ Malta International Foods Limited

izda spicca disokkupat u dan it-tnaqqis ghandu jsir b'effett mit-13 ta' Awwissu 1997.

Rat ir-rikors datat 11 ta' Gunju 1997 fejn l-attrici talbet umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha *a tenur* tal-**artikolu 381 (3) tal-kap 12** tordna li l-manteniment dovut lilha in forza tal-imsemmi digriet jitnaqqas mill-paga tal-intimat u jithallas lilha direttament mis-socjeta impjegatrici tal-intimat fir-residenza imsemmija u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata 18 ta' Lulju 1997.

Rat id-Digriet tal-Qorti diversament presjeduta datat 18 ta' Awwissu 1997 fejn il-Qorti cahdet ir-rikors tal-attrici datat 13 ta' Gunju 1997.

Rat ir-rikors datat 18 ta' Settembru 1997, fejn il-konvenut talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna n-notifika tar-rikors prezentat fit-12 ta' Awwissu 1997 lill-intimata, wara l-hinijiet legali u, f'kaz ta' riferta' negattiva, bl-affissjoni *stante* li, skond ir-riferta tal-purtier, "ma fetah hadd".

Rat id-digriet datat 29 ta' Settembru 1997 fejn il-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenut, diment li ssir notifika wara l-hinijiet legali.

Rat ix-xhieda ta' Tessie Azzopardi, omm l-attrici datata 10 ta' Gunju 1998 quddiem l-Assistent Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi.

Rat ix-xhieda tal-attrici datata 7 ta' April 1997 u 10 ta' Gunju 1998.

Rat il-verbali tal-14 ta' Ottubru 1997 u tas-19 ta' Jannar 1998.

Rat ix-xhieda ta' Tessie Azzopardi prodotta mill-attrici, bil-gurament a fol 76, 77, 78 u 79.

Rat ix-xhieda ta' l-attrici a fol. 81,82,83,84 u 85.

Rat il-verbal tas-16 ta’ Settembru 1998 u tal-4 ta’ Marzu 1999, dejjem quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ir-rikors datat 16 ta’ April 1999, il-konvenut talab lili din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-affissjoni tar-rikors prezentat fit-12 ta’ Awwissu 1997 u tad-digriet u dana peress li l-attrici ghadha mhiex notifikata lanqas wara l-hinijiet legali.

Rat id-digriet datat 21 ta’ April 1999 fejn il-Qorti laqghet din t-talba.

Rat il-verbali tas-26 ta’ April 1999, tas-6 ta’ Mejju 1999, tal-14 ta’ Ottubru 1999, tas-16 ta’ Marzu 2000, tad-9 ta’ Ottubru 2000, tat-8 ta’ Novembru 2000, tal-20 ta’ Frar 2001, tad-19 ta’ Settembru 2001 u 9 ta’ Jannar 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat in-nota datata 27 ta’ Marzu, 2002 fejn b’ordni tal-Qorti din il-kawza qed tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghat-Tlieta, 18 ta’ Gunju 2002.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 17 ta’ Mejju, 2002 fejn talab umilment li minhabba t-tibdil fil-qaghda finazjarja tieghu, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevedi, id-digriet moghti minn dina l-Qorti fis-27 ta’ Mejju 1997, u cjoe’ billi tirriduci l-ammont pagabbli mill-esponent, taht dawk il-kundizzjonijiet illi joghgobha tiffissa u dan b’effett mill-11 ta’ Frar 2002 jew data ohra li tigi stabilita minn dina l-Onorabbli Qorti; (fol. 102).

Rat il-verbal tat-18 ta’ Gunju, 2002.

Rat ir-rikors datat 7 ta’ Ottubru 2002, fejn il-konvenut talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi r-rikors u d-digriet fuq imsemmi jigi nnotifikat lill-intimata wara l-hinijiet legali.
Rat id-digriet datat 8 ta’ Ottubru, 2002 fejn il-Qorti laqghet t-talba tal-talba tal-konvenut sabiex ir-rikors tieghu jigi notifikat wara l-hinijiet legali.

Rat ir-rikors datat 28 ta’ Ottubru 2002, fejn il-konvenut talab illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi r-rikors u d-digriet fuq imsemmi jigi nnotifikat lill-intimata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni.

Rat id-digriet datat 29 ta’ Ottubru 2002, fejn il-Qorti tilqa t-talba u tordna tali notifika *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-kap 12**.

Rat il-verbali datati 22 ta’ Jannar 2003, tad-29 ta’ Jannar 2003 u tat-18 ta’ Gunju 2003, fejn gie ordnat li l-Assistenta Gudizzjarja izomm zewgt seduti ghall-provi kollha attrici u erba’ (4) seduti ghall provi kollha konvenut u l-konvenut inghata l-fakolta’ wkoll jipprezenta l-affidavits kollha tieghu.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 7 ta’ Frar 2003 fejn talab bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti taghtih l-opportunita’ illi jipproduci x-xhieda tieghu qabel mal-kawza tigi trattata u dan taht dawk il-provedimenti kollha li jidhrulha xierqa.

Rat id-digriet datat 11 ta’ Frar 2003 fejn il-Qorti tghid li jidher li dak kontenut fir-rikors tal-konvenut huwa svijotonju madankollu tordna n-notifika ta’ dan ir-rikors u digriet lill-kontroparti b’jumejn zmien ghar-risposta.
Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ April 2003 fejn *inter alia* d-d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li komunjoni ma kien hemm xejn x’jinqasam, dwar kura u kustodja tal-minuri hemm ftehim, u ghalhekk l-unika haga li trid tigi deciza hija dwar manteniment; l-konvenut inghata fakolta’ li jipprezenta l-affidavits tieghu fi zmien 30 gurnata. Il-konvenut iddikjara li hlief ghall-affidavits ma kellhux provi izjed.

Rat il-verbal datat 19 ta’ Gunju 2003 fejn il-Qorti ddecretat li ghall-korrettezza ir-rikors tas-7 ta’ Frar 2003 gie sorvolat b’digriet tad-9 ta’ April 2003, u Dr.Stephen Thake ghall konvenut iddikjara li huwa pprova jikkuntatja l-konvenut izda dan kien minghajr success u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Dicembru, 2003.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijet li giet istwiet fl-10 ta' April 1996, izda li l-istess partijiet utilizzaw l-aktar ghall numru konsiderevoli ta' rikorsi dwar manteniment *pendente lite* u xhieda fir-rigward tal-istess, bl-eccezzjoni ta' xhieda ta' l-attrici u ommha u xi xhieda tal-konvenut fuq wiehed mir-rikorsi tieghu, izda kwazi xejn iktar minnhekk, tant li mill-verbali jidher li saru diversi seduti quddiem l-Assistenti Gudizjarji u fihom ma sar xejn; dan apparti li f'diversi seduti quddiem il-Qorti diversament presjeduta inghad li kienu qed jingabru l-provi, meta minn dan kwazi ma sar xejn, u minhabba dan l-attadament tal-partijiet din il-kawza damet iktar minn sebgha (7) snin sabiex tasal ghall din id-decizjoni. Dwar dan din il-Qorti thoss li ghandha tapplika id-disposizzjonijiet tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** fil-konfront taz-zewgt partijiet.

Illi intant abbazi tal-ftit provi prodotti jidher li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali ghaliex kellu relazzjoni *extra maritali* ma mara' ohra u dwar dan hemm ix-xhieda tal-attrici u ta' omm l-attrici li kkonfermaw l-istess fil-waqt li l-konvenut ma ressaq ebda prova kwalunkwe sabiex jikkontrasta l-istess; apparti dan jidher li l-istess konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi u sevizzi, *stante* li halla lill-attrici fil-bzonn jew ahjar nieqsa mill-flus u wkoll kien jiggielled maghha; fl-ahharnett jidher li l-konvenut minhabba proprju din ir-relazzjoni abbanduna d-dar konjugali, u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha abbazzi ta' agir li ghalih huwa responsabbli l-konvenut konsistenti f'accessi u sevizzi, adulterju u abbandun tal-familja li kawza tal-istess iz-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment.

Illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Thea (data tat-Twelid – 15 ta' Lulju 1990) ghandha tkun fdata f'idejn l-attrici, b'dan li l-

konvenut ghandu dritt ta' access ghall-istess minuri kif miftiehem bejn il-partijiet.
Illi dwar manteniment jidher li l-manteniment *pendente lite* vigenti huwa dak decretat fis-27 ta' Mejju 1997 ta' Lm100 fix-xahar ghall-attrici u l-istess minuri; b'rikors datat 17 ta' Mejju 2002 l-istess konvenut kien talab li dan il-manteniment jitnaqqas peress li ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta' Kompakt Trading Limited b'effett mill-11 ta' Frar 2002, u kien jahdem biss fuq bazi *part time* mal-Ambaxxata Amerikana bil-hlas ta' Lm1.50 is-siegha u f'gimgha ma jahdimx iktar minn 12 il-siegha li jgibu total ta' Lm18 il-Lira Maltija fil-gimgha. Dan ir-rikors qatt ma gie notifikat lill-konvenuta pero' l-Qorti tinnota li l-attrici l-ahhar li xehdet fis-7 ta' April 1998 qalet li l-konvenut kien qieghed bir-relief ghalkemm semmiet li l-istess konvenut kien jahdem *part time* ma Macdonalds izda ma gabhet l-ebda prova dwar l-istess.

Illi fit-dawl ta' dan kollu din il-Qorti tiddispensa mir-rikors tal-konvenut datat 17 ta' Mejju 2002, billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet kollha taghha dwar in-notofika tal-konvenuta, u b'effett mid-data ta' din is-sentenza tiddikjara li la darba ma hemm l-ebda prova l-istess konvenut ma ghandux introjtu fiss li bih jista' jmantni lill-attrici u lill-bintu, twaqqaf l-effetti tad-digriet tas-27 ta' Mejju 1997 b'effett mid-data ta' din id-decizjoni odjerna.

Illi rigward manteniment f'din il-kawza jidher li l-ahhar informazzjoni li ghandha l-Qorti dwar l-introjtu tal-attrici hija proprju x-xhieda taghha tas-7 ta' April 1998 fejn hija xehdet li kienet tahdem *part time* ma Hompesch Bakery u kellha dhul ta' Lm15 fil-gimgha u ghalhekk abbazi tal-premess din il-Qorti tiddikjara li kemm l-attrici u l-istess minuri ghandhom dritt li jigu mantnuti mill-istess konvenut, izda f'din id-decizjoni ma' tistax tillikwida l-ebda ammont ta' manteniment peress li ma jidhirx mill-provi prodotti li l-istess konvenut ghandu dhul bizzejjed sabiex jissoministra l-istess alimenti, b'dan pero' li jigi riservat id-dritt favur l-attrici proprju u ghan-nom tal-minuri li tressaq tali talba gudizzjarjment meta u jekk il-konvenut ikollu introjtu sufficjenti sabiex jissodisfa dan l-obbligu tieghu.

Illi din il-Qorti tiddikjara l-komunjoni tal-akkwisti xolta b'effett mid-data tal-presentata tal-proceduri ta' separazzjoni personali quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1996 u *stante* id-dikjarazzjoni tal-partijiet skond il-verbal tat-8 ta' April 2003, fejn sostnew li ma hemm xejn x'jinqasam, tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni, *stante* li l-ftit oggetti li kien hemm, ta' valur zghir gew gja maqsuma u divizi mill-partijiet, b'dan li kull parti gja hadet pussess tal-oggetti li spettaw lilha, u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma u tordna li kull parti tibqa' izzomm u tgi assenjata l-oggetti mobbli ta' entita' u valur zghir li fil-fatt gja ghandha fil-pussess taghha, b'dan pero' li l-kera attwali tal-fond 'Eden' Flat 2, Triq id-Daghajjes, Paola, li kienet id-dar matrimonjali, tibqa' tghajjat esklussivament lill-attrici, u wkoll jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 12** *in toto.*

Illi dwar il-hames talba din ma gietx ippruvata u qed tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-ewwel erba' (4) eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' biss il-hames (5) eccezzjoni, u fil-waqt li **tichad il-hames (5) talba attrici** minhabba li ma gietx ippruvata, **tilqa' l-ewwel, t-tieni, it-tielet u r-raba' talba attrici** fis-sens biss hawn deciz, b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti Rose u Julian Calleja u dan billi tiddikjara li konvenut kien unikament hati ghat-tkissir ta' tali zwieg u dan minhabba eccezzi, sevizzi, adulterju u abbandun tal-familja li kawza tal-istess agir irrisponsabbli tal-konvenut iz-zwieg tkisser irremedjabilment.

(2) Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri fuq imsemmija Thea lill-attrici bi dritt ta' access favur il-konvenut kif il-partijiet iddikjaraw li ftehmu bejniethom.

(3) Tiddikjara li l-attrici f'isimha u ghan-nom tal-minuri ghandha dritt li titlob il-hlas ta' alimenti lill-konvenut, izda peress li f'din il-kawza ma giex ippruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu sufficjenti sabiex jiversa u jhallas tali alimenti, ma hemm ebda rata li tista' tigi likwidata minn din il-Qorti bhala retta alimentari li jkun ordnat ihallas il-konvenut, b'dan pero' jibqa' riservat id-dritt favur l-istess attrici fil-kwalita' taghha hawn indikata li tipprocedi gudizzjarment quddiem il-Qorti kompetenti ghall likwidazzjoni u hlas tal-istess alimenti kemm il-darba d-dhul u l-introjtu tal-konvenut ikun jippermetti tali fissazzjoni u hlas ta' mantiment. Madankollu il-Qorti tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' arretrati ta' manteniment *pendente lite* li huwa naqas li jhallas skond id-diversi Digrieti moghtija *pendente lite* li baqaw *in vigore* sad-data ta' din id-decizjoni.

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett mid-data tal-presentata tal-proceduri ta' separazzjoni personali quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Frar 1996 u *stante* id-dikjarazzjoni tal-partijiet skond il-verbal tat-8 ta' April 2003, fejn sostnew li ma hemm xejn x'jinqasam, tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz fl-istess komunjoni b'din is-sentenza, *stante* li l-ftit oggetti li kien hemm, ta' valur zghir gew gja maqsuma u divizi mill-partijiet, b'dan li kull parti gja hadet pussess tal-oggetti li spettaw lilha, u ghalhekk din il-Qorti tikkonferma u tordna li kull parti tibqa' izzomm u tigi assenjata l-oggetti mobbli ta' entita' u valur zghir li fil-fatt gja ghandha fil-pussess taghha, b'dan pero' li l-kera attwali tal-fond 'Eden' Flat 2, Triq id-Daghajjes, Paola, li kienet id-dar matrimonjali, tibqa' tghajjat esklussivament lill-attrici, u wkoll jigu applikati kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 12** *in toto.*

(5) Illi dwar il-hames talba dwar l-oggetti parafernali tal-attrici, din it-talba ma gietx ippruvata u qed tigi ghalhekk michuda.

Illi dwar l-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenut, inkluz l-ispejjez u d-drittijet kollha tar-rikorsi prezentati, b'dan ukoll li peress li din il-Qorti

thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------